II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1407

**tal-1 ta' Awwissu 2017**

**li jagħmel il-korrezzjonijiet għall-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, bil-Finlandiż, bil-Ġermaniż, bil-Portugiż u bl-Ispanjol, tar-Regolament (UE) Nru 432/2012, li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, bil-Ġermaniż u bl-Ispanjol tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 ([2]) fihom żball fl-indikazzjoni dwar l-ewwel okkorrenza tan-nutrijent, tas-sustanza, tal-ikel jew tal-kategorija tal-ikel "Sostitut ta' ikla għall-kontroll tal-piż" fl-Anness.

(2) Il-verżjoni lingwistika bil-Finlandiż tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 fiha żball fil-kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali fit-tieni okkorrenza tan-nutrijent, tas-sustanza, tal-ikel jew tal-kategorija tal-ikel "Sostitut ta' ikla għall-kontroll tal-piż" fl-Anness.

(3) Il-verżjoni lingwistika bil-Portugiż tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 fiha żball fil-kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali fiż-żewġ okkorrenzi tan-nutrijent, tas-sustanza, tal-ikel jew tal-kategorija tal-ikel "Sostitut ta' ikla għall-kontroll tal-piż" fl-Anness.

(4) Għaldaqstant, il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, bil-Finlandiż, bil-Ġermaniż, bl-Ispanjol u bil-Portugiż tar-Regolament (UE) Nru 432/2012 għandhom isirulhom il-korrezzjonijiet rilevanti. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra ma ntlaqtux.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 136, 25.5.2012, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*(ma japplikax għal-lingwa Maltija)*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER